MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 748/2001/1

**Catbros Limited**

**vs**

**Direttur Generali tax-Xogholijiet**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Mejju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fit-13 ta' Awissu, 2001, fejn ippremettew illi permezz ta' ittra ufficjali tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet datata 23 ta' Lulju, 2001, s-socjeta' rikorrenti giet interpellata sabiex thallas l-ammont ta' elf, mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,187.80) rapprezentanti penali

wara li allegatament gie abbandunat il-kuntratt bin-numru ta’ referenza LA/SC 254/00.

Illi ghalkemm l-esponenti kien informat illi t-tender li ghalih applika kien gie accettat permezz ta’ *letter of acceptance of tender*, u dan ghal habta ta’ Settembru, 2000, l-esponenti ma ffirmax il-kuntratt finali li permezz tieghu kien ser jidhol fis-sehh il-ftehim imsemmi.

Illi fil-fatt, l-esponenti lanqas ma ssottometta l-ebda garanzija bankarja kif tirrikjedi l-prassi bhala konferma tal-impenn da parti tal-esponenti.

Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-ammont imsemmi mhux dovut, u dan in-vista tal-fatt illi ghalkemm l-esponenti rcieva l-*letter of acceptance*, ma kienx firmatarju ghall-kuntratt finali, u ghaldaqstant ma japplikax il-principju *pacta sunt servanda* u konsegwentement m’ghandhomx japplikaw il-penali kontemplati fil-kuntratt.

Rat ir-risposta tad-Direttur intimat fejn espona illi:

1. L-ammont t’elf, mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,187.80) huma dovuti minn Catbros Limited, liema somma hija rapprezentanti penali u dana peress illi abbanduna l-kuntratt li jgib referenza LA/SC/254/00, li kien jikkonsisti f’kuntratt perjodiku ghall-provvista u l-konsenja tal-gebel ghat-Taqsima tax-Xogholijiet, li kien tal-valur ta’ hdax-il elf, tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm11,878).

2. Rapprezentant tal-kumpanija rikorrenti ffirma d-dokument tat-tender li apparti r-rati li bihom kien qieghed jintrabat il-kuntrattur, l-istess dokument kien fih diversi kundizzjonijiet, fosthom il-klawsola Numru 14 tal-*General Conditions of Contract for the Supply of Goods and Materials under a Running (Period) Contract,* anness bhala Dok. “A”, li tipprovdi ghall-penali ta’ ghaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt, li tkun applikata f’kaz li jigi abbandunat il-kuntratt.

3. Il-*letter of acceptance of tender* mahruga mit-Taqsima tax-Xogholijiet fit-22 ta' Settembru, 2001, annessa bhala Dok. "B" hija proprju l-ittra li permezz taghha jigi konkluz il-kuntratt, ma' dik il-persuna li tinghazel, fost it-tenderers li jitfghu l-offerta taghhom.

4. Minbarra dan kollu l-esponenti baghat numru ta' avvizi lir-rikorrenti, sabiex jithallas l-ammont dovut lid-Dipartiment, izda dan kollu kien ta' xejn.

5. Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tas-Socjeta' rikorrenti, u tikkundanna lis-Socjeta' rikorrenti sabiex thallas l-ammont dovut lill-esponenti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-rikors gie pprezentat wara li d-Direttur Intimat ipprezenta Ittra Ufficjali li ggib id-data ta' 23 ta' Lulju, 2001, fejn interpella s-socjeta' rikorrenti thallas elf, mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,187.80) bhala penali wara li gie abbandunat il-kuntratt bin-numr LA/SC 254/00.

Is-socjeta' rikorrenti qeghda tghid illi m'ghandhiex thallas din ic-cifra peress illi ma dahlet fl-ebda relazzjoni guridika mad-Direttur intimat u quindi ma jistax jitlob penali ta' xi haga li ma vverratx ruhha.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li d-Direttur intimat kien hareg *tender* ghall-fornitura ta' gebel tal-franka tal-prima kwalita'.

Is-socjeta' rikorrenti rrispondiet ghal din it-*tender* u ghamlet l-offerta taghha. Saru xi negozjati u fl-ahhar permezz ta' ittra tat-22 ta' Settembru, 2000, id-Direttur

intimat gharraf lis-socjeta' rikorrenti illi kien accetta t-*tender* taghha. F'din l-istess ittra kien hemm indikat li s-socjeta' rikorrenti kellha tipprovdi garanzija bankarja fuq il-valur ta' ghaxra fil-mija (10%) tal-valur totali tal-kuntratt. F'dan il-kaz, il-valur totali kien ta' hdax-il elf, tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm11,878). Ghalhekk 10% ta' din ic-cifra jgib l-valur ta' elf, mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,187.80).

Peress illi s-socjeta' rikorrenti ma pprovdietx din il-garanzija bankarja, d-Direttur intimat mar ghand terzi sabiex iwettaq dak li kien talab u qieghed ifittex lis-socjeta' rikorrenti ghall-penali ta' 10% kif fuq inghad.

Simon Muscat in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti filwaqt illi accetta illi huwa ghamel din l-offerta, ghamel ukoll verifiki mall-periti tad-Direttur intimat u accetta li rcieva l-*letter of acceptance* tat-22 ta' Settembru, 2000, pero' jghid illi ma kienx f'kondizzjoni fizika li jkompli jwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu minhabba mard, u ghalhekk ma wasalx biex ipprovda l-garanzija bankarja kif inghad.

Id-Direttur intimat qieghed jabbaza t-talba tieghu fuq il-provvedimenti ta' l-Artikolu 14 tal-*General Conditions of Contract for the Supply of Goods and Marterials* (Fol.22).

Ikkunsidrat:

Illi meta s-socjeta' rikorrenti ghamlet l-offerta taghha, liema offerta giet accettata mid-Direttur intimat, inholoq rapport guridiku bejnithom, fejn wiehed kien obbligat jissuplixxi dak li offra u l-iehor kien obbligat li jhallas ghas-servizz moghti.

Il-Qorti pero' ma tistax tiskarta l-paragrafu fil-*letter of acceptance* (Fol. 23) rigward il-garanzija bankarja. Dan il-paragrafu jghid, ***"This letter of acceptance is being issued on the condition that you submit within seven (7) days from the date of its receipt, a banker's guarantee to cover 10% of the value of the contract. If you fail to present the above, the government shall***

***have the right to rescind the contract and award it to any other contractor.”***

Id-Direttur intimat dehrlu li dan il-paragrafu huwa wiehed determinanti u ta’ importanza. Tant hu hekk illi huwa miktub b’ittri kbar u skuri sabiex jispikka fuq il-bqija tal-paragrafi fl-istess ittra.

Il-Qorti wkoll jidhrilha li dan il-paragrafu hu ta’ mportanza kbira, pero’ tinnota li fih kondizzjoni sospensiva, li fil-kaz li ma titwettaqx, jigu affettwati r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet. Fil-fatt, dan il-paragrafu jghid car illi, **“This letter of acceptance is being issued <u>on the condition</u> that you submit… banker’s guarantee.”** (Sotto linear tal-Qorti)

Din il-kondizzjoni ma gietx osservata minn naha tas-socjeta’ rikorrenti, f’liema kaz allura, d-Direttur intimat kellu d-dritt illi jittermina r-relazzjonijiet kuntrattwali ta’ bejnithom u jaghti l-kuntratt lil haddiehor. Din il-kondizzjoni hija tant importanti illi hi l-promotur tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet. Darba l-garanzija bankarja tigi pprovduta, allura c-cirku jkun maghluq u ghandek sitwazzjoni ta’ offerta u accettazzjoni li hija bizzejjed skond il-ligi sabiex tissigilla r-relazzjonijiet bejn il-partijiet.

Peress illi l-garanzija bankarja ma gietx ipprovduta, dan ic-cirku ma jistax jinghalaq u jista’ jinghad illi l-*letter of acceptance* giet irtirata peress illi kienet tiddependi ghal kompletezza taghha fuq kondizzjoni li n-nuqqas tieghu kien jissospendi l-effetti ta’ l-accettazzjoni kif maghmula fl-istess ittra, f’liema kaz id-Direttur intimat kien liberu li jaghti l-kuntratt lil haddiehor.

Il-kwistjoni setghax jinvoga wkoll l-artiklu 14 tal-*General Conditions*, hija kwistjoni ohra illi l-Qorti jidhrilha illi ma tistax tigi applikata f’dan l-istadju peress illi r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet ma gewx kompletati u ssigillati tramite l-garanzija bankarja mitluba. Kieku din inghatat, allura r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet kienu jkunu finali u d-Direttur intimat kien ikollu d-dritt jinvoga

favur tieghu l-paragrafu 14 fil-kaz ta' xi nuqqas da parti tal-kuntrattur.

F'dan il-kaz, din is-sitwazzjoni ma vveratx peress illi l-*letter of acceptance* giet irtirata awtomatikament minhabba nuqqas da parti ta' l-istess socjeta' rikorrenti, fi stadju fejn ma kienux ghadhom gew issigillati r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet. Hawnhekk, id-Direttur intimat kellu biss id-dritt bhala sanzjoni li jaghti l-kuntratt lil haddiehor, izda mhux li jinponi wkoll il-penali skond il-persentaggi fil-paragrafu 14.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' rikorrenti ghandha ragun tikkontesta t-talba tad-Direttur intimat sabiex jimponi fuqha penali ta' 10%. Din il-penali timplika certa relazzjoni bejn il-partijiet, liema relazzjoni f'dan il-kaz ma tezistix minhabba li l-kondizzjoni sospensiva msemmija fil-*letter of acceptance* ma vveratx ruhha u ghalhekk ghal kull buon fini din il-*letter of acceptance* giet irtirata.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara li l-ammont mitlub mid-Direttur intimat permezz ta' l-Ittra Ufficjali tat-23 ta' Lulju, 2001, bhala mhux dovut.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji illi din hi bazata fuq interpretazzjoni hazina tal-fatti u inoltre l-istess sentenza lanqas ma kienet korretta in kwantu kienet bazata fuq kondizzjoni sospensiva. Fuq dan l-ahhar aggravju l-appellant jissottometti illi dak kontemplat fil-'Letter of Acceptance' fir-rigward tal-garanzija bankarja li kellha tigi supplita minn Catbros Limited kellu jinqara u jigi interpretat 'quid unum' mal-kondizzjonijiet l-ohra kollha tal-kuntratt.

Qabel xejn il-Qorti tikkonkorda ma' dak ritenut fis-sentenza appellata illi l-offerta tas-socjeta` msemmija, accettata mill-appellanti, kienet tikkreja rapport guridiku

bejniethom. Dan ma jistax ikun dubitat in kwantu offerta determinanti hi dimostrattiva tal-intenzjoni f'min jaghmilha li jkun vinkolat minn kwalsiasi accettazzjoni valida taghha. Ara **Kollez. Vol XXVIII pI p629**.

Kif kellu okkazjoni l-gudikant sedenti jesprimi ruhu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Accountant General -vs- Carmelo Penza noe**", Prim'Awla, 28 ta' Marzu 2003, "huwa indiskuss illi l-accettazzjoni gabet maghha u in forza taghha l-vinkolu kontrattwali u kkrejat il-ftehim fuq l-elementi kollha tieghu, kemm dawk principali kif ukoll dawk sekondarji jew accessorji. Dan ma jistax jitqies ftehim jew akkordju b'funzjoni preparatorja izda wiehed finali, ghalkemm suggett ghal certi kundizzjonijiet … ... Ghax jekk l-offerta kienet biss l-istadju inizzjattiv versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, l-accettazzjoni ghandha b'necessita` titqies bhala adezjoni ghall-kontenut ta' l-offerta. Konsiderati flimkien – l-offerta u l-accettazzjoni – jikkostitwixxu n-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni taghha timmanifesta l-volonta` ta' l-accettant illi jghaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l-offerent ma' dak unilaterali tieghu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim."

Dan premess ifisser illi l-intenzjonijiet unilaterali reciproci tal-partijiet ikkonfluwew f'kuntratt bilaterali, minn parti l-wahda, l-fornitura tal-gebel u mill-parti l-ohra l-hlas pattwit ghal dan is-servizz.

Indubbjament dawn il-prestazzjonijiet reciproci tal-partijiet jintegraw l-elementi essenzjali tal-kuntratt bilaterali. B'danakollu, f'dan il-kaz, kif jirrizulta mil-Letter of Acceptance (fol 23) d-Direttur Generali appellanti ried jissubordina l-effikacja tal-kuntratt ghal kondizzjoni illi s-socjeta` appellata tipprovdi garanzija bankarja fit-termini hemm prevvisti.

Fuq dan l-ahhar punt tezisti certament divergenza ta' veduti minn kif il-materja giet vizwalizzata mill-ewwel Qorti u mill-appellanti. Ta' l-ewwel tikkonsidra l-kondizzjoni apportata fil-Letter of Acceptance bhala wahda

sospensiva, ta’ l-ahhar jikkontendi illi l-istess kundizzjoni ghandha titqies fil-kuntest tal-kondizzjonijiet kollha tal-kuntratt.

Naturalment il-Qorti tifhem l-iskop wara din il-kontenzjoni ta’ l-appellanti. Il-fatt li hu jaghmel il-kondizzjoni dwar il-garanzija bankarja bhala parti integrali mill-kondizzjonijiet l-ohra tal-kuntratt hu dak li jaghmel din l-istess kondizzjoni bhala wahda rizoluttiva. Mod iehor ma jkunx jista’ jsahhah l-argoment tieghu illi l-inadempjenza dwarha jikkostitwixxi ksur tal-kuntratt li jintitolah jirrisolvi l-istess kuntratt u jiddomanda l-penali. Dan s’intendi bl-adoperu tal-principju generali ‘inademplenti non est ademplentum” u tal-patt kommissorju tacitu tipiku ghall-kuntratti bilaterali (Art 1068 tal-Kodici Civili).

Kif taraha din il-Qorti l-kondizzjoni specifikata fil-Letter of Acceptance tikkostitwixxi element accidentali, estraneju ghall-istruttura tan-negozju guridiku u tal-prestazzjonijiet reciproci ezistenti f’dan l-istess negozju. F’sens tekniku-guridiku dawn il-prestazzjonijiet huma konsiderati bhala l-kawza vera tal-ftehim. Invece l-espressjoni kontenuta fil-Letter of Acceptance, u espressament kwalifikata ‘a conditione’, ma tistax hlief taghmel riferiment ghal riserva sospensiva intiza minn min talab il-garanzija bankarja eskluzivament fl-interess tieghu. Kundizzjoni din li, kif jinghad fl-Artikolu 1063 (1) tal-Kodici Civili, taghmel l-ezistenza tal-kuntratt, u allura l-adempiment ta’ l-obbligazzjonijiet principali tieghu, dipendenti fuq is-sehh taghha.

L-appellant li talabha, u wkoll insista dwarha, una volta din saret fl-interess tieghu, kellu kull dritt, u liberament ukoll, jivvantaggja ruhu minnha jew jirrinunzja ghaliha. Effettivament, fil-kaz de quo, jirrizulta illi gjaladarba s-socjeta` appellata naqqset milli tottempera ruhha fiz-zmien preskritt, l-appellanti approfitta ruhu mill-istess kondizzjoni, kif hekk kellu dritt, biex jikkonsidra ruhu mhux aktar vinkolat bl-accettazzjoni tieghu tal-offerta.

Indiskutibilment, l-appellant ghamel debitament il-prova tal-kondizzjoni u tan-nuqqas da parte tas-socjeta`

konvenuta tal-adempiment taghha. Hekk wara kollox kien mistenni minn min jinvoka favur tieghu dan il-fatt bhala kostituttiv tad-dritt formanti l-bazi tal-pretensjoni tieghu. Huwa ghamel il-prova wkoll li kien irtira lura l-accettazzjoni tieghu (Ara ittra a fol 52).

Dan premess, ma kellux imbaghad isegwi, kif hekk pretiz mill-appellanti, illi l-kuntratt kellu jitqies abbandunat, biex b'hekk jirrendi n-nuqqas tal-provvizjon tal-garanzija bankarja ekwiparabbli ghan-nuqqas tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt, kif hekk jinsab provvdut fl-Artikolu 14 tal-General Conditions of Contract for the supply of goods and materials under a running (period) contract (fol 22) jew fl-Artikolu 22 tal-General Conditions of Contract for the supply of materials and other articles (fol 47). Din l-istess kondizzjoni, kif espressa fil-Letter of Acceptance, ma tghidux u ma tipprovdiex ghalih.

Kif gja ravvizat il-konsegwwenza tan-non-ottemperanza mal-kondizzjoni kienet iggib illi l-kuntratt, validament konkjuz, ma setax jitqies aktar effikaci u allura l-appellant, kif fil-fatt ghamel, iddikjara ruhu mahlul minnu u, kif jirrizulta mill-atti, ghadda biex jassenjah lil haddiehor (Ara xhieda ta' Francis Bonello, Assistent Direttur fil-Works Division, fol 30). Dan hu dak li l-appellant seta' jaghmel kif hekk, del resto, gie espressament mahsub fl-istess Letter of Acceptance fejn jinghad illi "if you fail to present the above (Bank Guarantee) the Government shall have the right to rescind the contract and award it to any other contractor." Ma jistax imma jippretendi li japplika sanzjonijiet u penali tal-kuntratt meta l-kondizzjoni sospensiva baqghet ma sehhitx u l-kuntratt innifsu, ghal dik li hi l-effikacja tieghu, kien assoggettat u subordinat ghal din l-istess kondizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant Direttur Generali tax-Xoghlijiet qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-istess appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------